Ħbieb
il-Kappelli
Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Marzu 2026

Ħarġa Nru 56



Ħbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**
e-mail: **hbiebkappellimaltin2024@gmail.com**
**Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin**

# EDITORJAL

**Kumitat 2026-2028**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Midja Soċjali**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-Kappella ta' San Pawl Nawfraġu Ħ'Attard

Ritratt: Norbert Gingell

Għeżież Membri u Ħbieb,

Dħalna diġa fit-tielet xahar tas-sena, u wara li gawdejna l-festa nazzjonali ta' San Pawl, fl-aħħar ġimgħa ta' dan ix-xahar ta' Marzu se nkunu qed nipparteċipaw fil-ġranet tant mqaddsa tal-Passjoni ta' Sidtna Ġesu Kristu. Bosta jkunu dawk l-każini, individwi u għadqiet oħra li jtellgħu wirjiet tal-vari u affarijiet oħra relatati mall-passjoni u l-qawmien ta' Kristu mill-mewt.

Iż-żjara ta' dan ix-xahar se tkun waħda nteressanti, attività li l-Kumitat ilu biex iwettaqa. Se nżuru l-kappella tal-Palazz ta' Verdala fil-Buskett, oħra dik ddedikata lil San Nikola u Santa Luċija, li tinsab fuq in-naħa ta' wara tal-Palazz, u nispiċċaw fil-kappella ta' San Blas, li qedgħa fil-limiti tas-Siġġiewi fit-triq lejn is-Saqqajja. Għanda tkun attività nteressanti u nformmattiva bħal dejjem.

Kif kont infurmajtkom fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li żammejna f'Jannar li għadda, dan il-Fuljett jinħadem permezz tal-Microsoft Publisher. Dan is-software mhux se jibqgħa jintuża mill-Microsoft minn Ottubru li ġej. Għaldaqstant, jekk irridu nibqgħu nippubblikawħ, hemm bżonn ta' għajnuna minn xi membru jew ta xi ħadd ieħor li forsi tafuh biex jindikawlna x' software alternattiv nistgħu nużaw. Tajjeb ukoll li kieku xi ħadd minnkom joffri li jgħin fl-issettjar ta' dan il-Fuljett kif ukoll fil-kitba tal-artikli mill-informazzjoni li tkun inġabret.

Jekk ikun hawn minn joffri s-servizz tiegħu, javviċinana u jkellimna waqt xi attività għal aktar informazzjoni. Grazzi bil-quddiem.

Narawkom ħbieb!

*N. Gingell*

Għall-Kumitat



Il-membri jisimgħu tagħrif dwar il-Kappella tal-Madonna tal-Mirakli

# Il-Knisja tal-Madonna tal-Mirakli Ħal Lija



Il-knisja tal-Madonna tal-Mirakli

Din il-knisja tinsab f'akkwata li qabel kienet tifforma r-raħal ta' Ħal Bordi, raħal ċkejken li kien separat mit-tliet irħula ta' Ħal Lija, Ħ'Attard u Ħal Balzan. Din tal-lum mhix dik oriġinali, imma tinsab xi mitt metru 'l bogħod minn fejn kienet tinsab qabel, fejn illum hemm mibnija l-mitħna tar-riħ. Dan jikkonfermah l-għadam u l-oqbra li nstabu meta kien qed jiġi mħaffer il-pedament tal-mitħna tar-riħ.

Fil-knisja l-antika kien hemm trittiku, jew kwadru maqsum fi tlett partijiet. Dan t-trittiku fl-injam hu ta' skola Siċiljana u kien ġie attribwit għall-artist Corso di Buono u hu tat-tmiem s-seklu tlettax. Fit-trittiku nsibu lill-Madonna bil-qegħda fuq tron iżżomm lil Binha Ġesù Bambin f'ħoġorha. Ġesù f'id waħda għandu globu u bl-id il-leminija jidher ibierek – figura ta' Ġesù Salvatur tad-dinja. Insibu lil San Pietru u lil San Nikola fil-ġnub.

Monsinjur Dusina żar din il-knisja fl-1575, li kienet isservi bħala viċi-parroċċa ta' Birkirkara, għal dawk is-60 ruħ li kienu joqgħodu madwarha. Skont Dusina il-knisja kellha titular iddedikat lil Sidtna Marija taħt l-invokazzjoni "tal-Madonna tax-xahar t'Awissu" għax f'dan ix-xahar hemm marbuta l-festi ta' Santa Marija u tal-Madonna tas-Silġ. Kien ordna li jsir paviment ġdid, jiġi rrangat fejn kien isir id-dfin u jsiru abiti sagri għal kuljum u għall-festi.

Il-Gran Mastru Nikola Kottoner fl-1664 ordna li tinbena knisja ikbar xi 100 metru 'l fuq mill-antika. Maż-żmien inbnew sagristija kbira kif ukoll dar biex fiha jkun jista' joqgħod l-qassis li jieħu ħsiebha. Il-Gran Mastru żejjen din il-knisja bil-pittura titulari preżenti, xogħol Mattia Preti. Dan juri lill-Madonna iżżomm lil Binha Ġesù Bambin li qiegħed bil-wieqfa fuq irkubtejha, ma San Pietru u San Nikola ta' Bari, bħalma fil-fatt kien hemm fit-trittiku l-antik. Il-Gran Mastru innifsu daħħal lil-Arkanġlu Rafel, billi ħuħ il-Gran Mastru Rafel kien miet fl-1663. Dan it-titular li jirrapreżenta lil Santa Marija huwa maħdum fuq l-iskur u b'partijiet importanti jispikkaw bid-dawl fuq stil magħruf bħala "Luce di Cantina", fih ħafna mid-drammatiċità assoċjata mal-Preti, u jitqies bħala kapolavur tiegħu. Il-kwadri tal-Via Sagra huma kwadri taż-żejt, fini ħafna, maħduma bit-teknika tal-akkwarella. Ġrajja mirakoluża li seħħet fl-1743 meta ġew innotati qatriet kbar bħal għaraq qisu



Trittiku antik li juri lil-Madonna bil-Bambin, Sab Pietru, u San Nikola

ilma fuq il-Madonna. Ħasbu li dan kien ġej mill-umdità, sar eżami tal-fatt, u sabu li dak kien għaraq bħal li kieku ħareġ minn ġisem ħaj ta' bniedem ħaj. Dak in-nhar stess Malta ħasset ċaqliq minn terrimot kbir. Il-Gran Mastru u l-Isqof ta' Malta kkonkludew illi dan il-miraklu li ħadd ma tilef ħajtu, seħħ bl-interċessjoni ta' Marija, hekk bdiet tissejjaħ "tal-Mirakli", minħabba dan l-kwadru mirakoluż.

L-Isqof Alpheran de Bussan fil-Viżta Pastorali tiegħu fl-1747, kiteb – "*il-Knisja kienet miżmuma b'devozzjoni kbira mill-kotra tan-nies li mill-inħawi kollha jiġu jinviżtawha, u hija għandha kull ma jinħtieġ u kull tiżjin sa lampier tal-fidda mogħti mill-Gran Mastru Vilhena*". L-Isqof de Bussan għamel hemm ordinazzjoni tal-Ordni Minuri u tas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof lil 22 tifel u tifla.

L-Isqof Monsinjur Vincenzo Labini ikkonsagra l-knisja fl-1787 u b'digriet ta Indulġenzi lil min iżur din il-knisja fil-festi tat-twelid, tal-preżentazzjoni, tal-annunzjazzjoni, tal-viżitazzjoni u tal-purifikkazjoni ta' Marija. Il-Papa Piu VI, b'digriet ikkonċeda Indulġenza Plenarja lil kull min iżur il-knisja fil-festa tal-Kunċizzjoni u l-Assunzjoni.

Fi żmien l-irvellijiet tal-Unifikkazzjoni tal-Italja, il-Kardinal Gabrijel Ferretti, kuġin ta' Papa Piju IX, ġie jistkenn f'Malta. Kien ospitat fid-dar tal-familja Delicata, ftit 'il bogħod mill-Knisja tal-Mirakli u kien iqaddes fiha kuljum u jitlob ta' spiss quddiem il-kwadru mirakoluż tal-Madonna biex tinħall il-kriżi fl-Italja. Meta mar lura l-Vatikan irregala bukkett maħdum kollu minn arzell żgħir lill-Madonna talli ħarsitu meta kien f'Malta (jinstab fil-Muzew tal-Knisja Parrokkjali).



L-altar ewlieni tal-knisja tal-Madonna tal-Mirakli

Il-knisja nbniet fuq stil Doriku bejn is-snin 1662 u l-1671. Jingħad li d-disinn hu ta' Ġwanni Pietru Barbara, għalkemm Leonard Mahoney jattribwiha lil Lorenzo Gafa', u nbniet minn Mastru Pietru Barbara minn Ħal Lija, li jiġi missier l-arkitett Giovanni Barbara. Kienet l-ewwel knisja li nbniet f'forma kwadra u msaqqfa minn koppla. Minn barra tidher li għandha forma rettangolari, għax mal-forma kwadra tal-knisja Gafa' żied sagristija u xi kmamar fuqha fuq in-naħa ta' wara, bil-ħitan tal-ġenb jidhru l-pilastri simili bħal dawk tal-kantunieri tal-faċċata, li jiddelinjaw il-forma kwadra tal-kappella.

Il-faċċata għandha erba' panewijiet u fil-kantunieri hemm pilastri għoljin ta' stil Doriku, irrepetuti fil-ħitan tal-ġenb iżda mhux fil-kantunieri ta' wara. Il-bieb hu kwadru u fuqu hemm pediment triangolari. Fuqu hemm gwarniċa li fiha iskrizzjoni u aktar 'l fuq hemm tieqa rettangolari li fiha tqiegħdet statwa tal-Madonna. Il-koppla baxxa hija kważi kollha moħbija f'tambur ottagonali. Fil-ħitan tal-ġenb hemm żewġ bibien pariġġ dak tal-faċċata, iżda wieħed huwa mbarrat u fil-għoli jidhru żewġ twieqi. Fil-kantuniera ta' wara fuq is-sagristija hemm kampnar kwadru. Il-knisja għandha zuntier spazjuż li huwa mdawwar b'ħajt bil-balavostri.

Minn ġewwa l-kappella tieħu forma kwadra bi tmien pilastri ta' stil Doriku li jerfgħu erba arkuni u erba' pendentivi li minnhom titla' l-koppla semi-sferika, kollha mpittra b'disinji floreali u emblemi tal-Litanija

tal-Madonna. L-altar tal-irħam jinsab f'kor mhux fond ħafna li fih erba' pilastri oħra aktar baxxi ta' stil Doriku ukoll, li jerfgħu arkata u abside maqsum f'panewwijiet.

Il-kwadru titulari qiegħed f'reredos magħmul minn żewġ kolonni u żewġ pilastri ta' stil Korint, kollha skolpiti u indurati. Fuqhom hemm l-entablatura skolpita wkoll u żewġ nofsijiet ta' pediment segmentali maqsum. Fuq dawn it-tnejn jidhru żewġ anġli u fin-nofs arma tal-ġebel li darba kellha l-arma tal-Gran Mastru Nikola Cotoner li bena l-kappella, iżda li llum fiha iskrizzjoni. Fuqha tidher kuruna indurata. F'niċċa fil-ħajt tal-ġenb insibu t-trittiku mirakoluż.



Il-koppla minn ġewwa

Fi żmien il-gwerra mirakolożament, kienet biss il-Knisja tal-Mirakli, li bagħqet wieqfa f’dik iż-żona, fost ħerba kbira, u li ħelsitha mill-qilla tal-bombi li ntefgħu fuq iż-żona ta’ Ta’ Qali li kien iservi ta’ mitjar.

Fl-1954 Dun Ġużepp Tanti, dak iż-żmien qassis anżjan, kien jaf imid idejh sewwa fuq ħafna snajja. Għamel bosta xogħolijiet: biċċa art żdingata nadafha biex saret post ta’ rikreazzjoni għan-nies tal-inħawi; akkwista biċċa art biex isir żuntier madwar il-knisja; irranġa l-bjut għax kienu jagħmlu l-ilma u l-kampnar; installazzjoni tal-eletriku ġdida; xogħol ta’ tibjid, u induratura dehbija fejn kien meħtieġ; l-irħam li jdawwar l-altar li kien tal-franka; u għamel niċċa tal-injam li hemm illum għal kwadru tal-Madonna tal-Mirakli, għax qabel dan kien fuq l-altar.  Fl-istess waqt, kien sar restawr fuq il-kwardu mill-Kavallier Rafel Cali.

Dun Anton Ebejer, li laħaq wara Dun Ġużepp, żviluppata għalqa f’Sala biex tintuża għat-tagħlim tad-duttrina kif ukoll għall-attivitajiet soċjali għan-nies tal-madwar.  Ġie rranġat ġnien biex jikkumplimenta l-kumpless.

Illum il-knisja hija sagramentali u jsir quddies kuljum u fil-Ħdud u l-festi.  Is-Santwarju jinstab f’kundizzjoni tajba u d-devozzjoni lejn il-kwadru mirakoluż tal-Madonna għadu sal-lum jiġbed ħafna nies biex imorru jitolbu quddiemu.




Il-Madonna ma' San Pietru, San Nikola u l-Arkanġlu Rafel
*Mattia Preti (1613-1699)*
*Kappella Il-Madonna tal-Mirakli - Lija*

*Kitba: Roderick Busuttil*

*Ħajr lil Anthony M. Brincat li żied deskrizzjoni arkitettonika minn ġewwa u minn barra tal-knisja u lil Louis Fenech li żied l-informazzjoni dwar il-knisja fis-Seklu Għoxrin.*

*Ritratti : N Gingell, M Caruana, G Theuma.*

# Il-Kappella ta' San Pawl Nawfraġu Ħ'Attard



L-altar u t-tiular tal-kappella ta' San Pawl Nawfraġu

Il-kappella ta' San Pawl hija waħda mid-diversi kappelli li nsibu fir-raħal ta' Ħ'Attard. Oriġinarjament fuq l-istess sit fejn tinsab din il-kappella ta' San Pawl illum kien hemm oħra ddedikata lil Marija Assunta mibnija lejn l-1629, u dan skont manuskritt f'għamla ta' fuljett iffirmat mis-saċerdot Giovanni Battista Sammut, li jinkludi deskrizzjoni tal-oriġini tar-raħal ta' Ħ'Attard u tal-knisja tiegħu.

L-isqof Alpheran de Bussan kien ipprofana l-ewwel knisja, din twaqqgħet u minflokha nbniet il-kappella li nsibu llum, iddedikata lil San Pawl Nawfraġu. Skont dokumenti oriġinali, l-ewwel spejjeż għat-tqattigħ tal-blat u l-bini tal-pedamenti tal-kappella huma reġistrati f'Diċembru tal-1728, filwaqt li x-xogħol intemm fl-1729.

Il-faċċata tal-knisja hija mħaddna minn żewġ pilastri Doriċi, filwaqt li fin-nofs fuqani, jiddomina l-frontispizju. Il-bieb huwa nkwadrat bil-bsaten u fuqu hemm friża bid-data ta' meta tlestiet il-kappella, jiġifieri dik tal-1729. 'Il fuq minn dil-friża hemm pediment segmentali u aktar 'il fuq fil-faċċata nsibu l-arma tal-isqof Alpheran de Bussan. Mal-ġnub tal-bieb hemm żewġ twejqiet fil-baxx, li fil-ħoġor ġewwieni tagħhom hemm kaxxi maqtugħa fil- ġebla, fejn kienu jinġabru xi flejjes li kienu jintefgħu min-naħa milħuqha minn barra. Fil-ġnub tal-knisja hemm żewġ twieqi fuq kull naħa. Fuq il-bejt hemm jixxabbat kampnar mat-tromba tal-bejt u ieħor baxx mal-ġenb, wara l-frontispizju.

Fiha altar wieħed, bil-mensa tal-ġebel u l-iskannell tal-injam, minqux bil-fjuri li għadu fi stat tajjeb ħafna. Dan l-iskannel tal-injam huwa dekorat bil-fjuri minquxa fih, xogħol mastru Giovanni Muscat, li oriġinarjament kien indurat, imma b'ħasra,

maż-żmien kien inżebagħ. Ta' min isemmi li waqt it-tindif li sarlu, ħarġu karatteristiċi li kienu moħbija taħt iż-żebgħa. Fil-faċċata tal-bieb tat-tabernaklu, issa qed jidher minqux kalċi, bl-Ostja wieqfa fih. Ir-restawr tal-iskannell ġie indurat bl-għajnuna ta' fondi mill-U.E. permezz tal-Kunsill Lokali.



Saqaf nofs tond

It-titular tal-kappella juri lil San Pawl Nawfraġu li flimkien miegħu hemm meqjuma San Publiju u San Franġisk ta' Paola. Skont dokumenti misjuba, huwa xogħol is-Sur Arrigo Ornace (l-isem kif jinqara fid-dokumenti oriġinali), li huwa misjub ukoll bħala Enrico Regnaud. Flimkien mat-titular hemm erba' pitturi oħra tal-erba' Evanġelisti li huma attribwiti lil Francesco Zahra u li l-oriġinali llum jinsabu fis-sagristija tal-parroċċa. It-titular kien miżmum fil-mużew tal-Parroċċa, iżda issa jinsab mill-ġdid fil-kappella.

It-titular huwa mdawwar bi gwarniċ skolpit sabiħ ħafna, fejn hemm żewġ puttini (anġli) iżommu midaljun tond li kien iħaddan pittura żgħira tal-Bambina. Fil-ġnieb tal-kwadru hemm jixxebilku weraq tar-rand li jaqbżu nofsu.

Proċess ta' restawr tal-knisja tnieda fi Frar tas-sena 2004. Tbiddlu l-bsaten mherrija tal-koxxa tal-bieb prinċipali, sar salib għall-frontispizju biex jissostitwixxi dak oriġinali li kien waqa' bil-maltemp, sar miżieb minflok katusa li kienet tissostitwixxi dak tal-ġebel li kien waqa' maż-żmien. Inbidel ukoll xi ġebel mad-dawra minn barra, fejn kien meħtieġ biss.

Kien imiss li l-knisja titnaddaf minn ġewwa, mill-kisja qadima bbażata fuq is-siment, illi tant jagħmel ħsara lill-ġebla Maltija. Minflok tħejjiet taħlita poruża sabiex tagħti nifs lill-ġebla. Minn barra, l-kappella tnaddfet ukoll mit-tikħila qadima u ntużat ukoll taħlita poruża. Din il-ħidma tat dehra aktar sħiħa u eleganti lill-binja hekk sbejħa. Minn ġewwa, il-kappella tbajdet lewn isfar ċar fl-isfond, filwaqt li l-pilastri tbajdu bojod.

L-aperturi, li kienu fi stat ta' abbandun, ġew restawrati wkoll filwaqt li t-twieqi ntramaw bi ħġieġ lewn l-arma ta' Ħ'Attard. Inbidel




In-Nawfraġju ta' San Pawl (1729)

*Enrico Regnaud (1692-1764)*

it-tagħmir tad-dawl sabiex illum il-kappella qiegħda tgawdi l-glorja li jixraqilha. Il-gandlieri kienu fi stat ħażin u kellha ssirilhom tiswija xierqa qabel il- proċess biex jinksew bil-fidda. Sar ukoll is-salib bil-bażi għalih kif issemma' qabel.

Sar ukoll xi restawr fuq id-deffun tas-saqaf tal-kappella. Maż-żmien sar aktar restawr u manteniment, li ma jonqos qatt. Il-kwadri tal-erbà evanġelisti li kienu oriġinarjament fil-knisja imma kienu ttieħdu fil-Parroċċa għas-sigurta, ġie meħud ritratt diġitali tagħhom u llum, għalkemm kopja, jinsabu mwaħħla f'posthom biex il-kappella ħadet sura aktar oriġinali u sabiħa.

Fl-2015, waqt xogħol ta' tħaffir u qtieħ ta' ġebel fil-viċinanzi tal-Knisja li kien qed isir fil-by-pass tas-*Central Link* il-ġdida, bil-vibrazzjonijiet tal-makkinarji feġġew xi xquq fl-istruttura. *Infrastructure Malta* intrabtet li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-irbit tal-istruttura bil-vireg tal-*istainless steel (Rock Bolting)*. Fil-fatt dan ix-xogħol sar.

Billi is-sottokwardu tal-Bambina fil-medaljun maż-żmien għeb, fl-2025 saret pittura ġdida mill-artist Mark Schembri li juri il-Bambina mhux bħala tarbija, imma tifla żgħira, grazzjuża u innoċenti. Dan il-kwadru ġie nawgurat f'Jum il-festa tal-Kunċizzjoni f'Diċembru 2025, fejn f'serata ddedikata saret quddiesa mill-Kappillan imżejqa b'serata mużikali.

Illum din il-kappella ta' San Pawl, wara li ġiet irrestawrata, bil-ħidma sfieqa tas-sur Reno Saliba, qed tiffunzjona mill-ġdid. Isiru laqgħat, *lectures*, anniversarji ta' żwiġijiet, quddies għall-erwieħ, kunċerti, rużarju u fil-festi prinċipali matul is-sena jsir il-quddies. Saru ħafna proġetti, pubblikazzjonijiet u studji minn tfal fl-iskejjel sa studenti kbar f'livell terzjarju u profesjonisti oħra.

B'xorti tajba, filwaqt li s-sur Saliba kien qiegħed jagħmel ir-riċerka tiegħu, iltaqa' mal-kontijiet oriġinali ta' meta nbniet din il-kappella. Dawn imorru lura għas-snin 1728-1729. Ma' dawn is-sur Saliba ġabar xi tagħrif miż-żjara tal-isqof Alpheran de Bussan, kif ukoll minn dokumenti qodma fl-arkivji tal-Parroċċa. Hu ppubblika ktieb dwar ġrajjet din il-kappella li ġie ppubblikat meta ġie inawgurat ir-restawr ta' din il-kappella f'Lulju tal- 2008. Fis-sena 2029 din il-knisja tiċċelebra it-300 sena mit-twaqqfi tagħha.



Arma tal-Isqof Alpheron de Bussan

*Kitba ta' Reno Saliba*

*Ġabra qasira mill-artiklu sħiħ li ġie ppubblikat fis-sit [www.kappellimaltin.com](http://www.kappellimaltin.com)*

*b'żieda ta' informazzjonio aġġornata minn N Gingell.*

*Ritratti: N Gingell, Reno Saliba*

# Il-Knisja Ta' Sant'Anna / Santu Rokku, Ħ'Attard



Il-Knisja ta' Sant'Anna / Santu Rokku Ħ'Attard

Meta Mons. Pietru Dusina żar ir-raħal ta' Ħ'Attard, jgħidilna li kien hemm ħames knejjes, tlieta minnhom iddedikati lil Santa Marija, u tnejn lil Santu Nikola. Din hi waħda minnhom, u kellha altar wieħed. Kienet knisja fqira, lanqas titular ma kellha u għalhekk ordna biex issir pittura ta' San Nikola.

Jidher li din il-knisja nbniet fil-bidu tas-seklu XVI, u billi kienet ġarbet ħafna ħsarat, kellha terga' tinbena fl-1641. Ġiet profanata fit-18 ta' Diċembru, 1658.

Wara l-pesta tal-1676 din il-knisja ġiet dedikata lil Santu Rokku, qaddis protettur kontra din il-marda, bħala ringrazzjament minn dawk li kienu meħlusa minn din il-marda qerrieda. Din il-knisja kellha wkoll ċimiterju fejn kienu jindifnu dawk li jmutu bil-marda tal-pesta, kif ukoll dawk it-trabi li kienu jmutu bla ma jkunu tgħammdu. Meta din il-knisja reġgħet inbniet mill-ġdid fiha saru tliet altari kif għadhom jidhru sal-lum. Achille Ferris jgħidilna li kienu n-nies li ġabru biex tinbena din il-knisja. Jgħidilna wkoll



L-artal ewlieni wara restawr

li l-kwadru prinċipali hu xogħol ta' Suor Marija De Domenicis li kienet alljieva ta' Mattia Preti.

Il-knisja għandha għamla rettangolari b'saqaf troll fuq sitt arkati dojoq, magħqudin b'xorok tat-tliet piedi. Għandha altar tal-ġebel li huwa mdaħħal ftit il-ġewwa f'niċċa fit-tond fi prospettiva bejn żewġ kolonni stil Korintin. Għandha sagristija li minnha tmur għall-bini li s-Soċjetá tal-MUSEUM bniet sabiex illum isir it-tagħlim tad-dutrina fih.



Ħarsa lejn ġewwa tal-knisja

Fiha insibu wkoll, fuq l-artali sekondarji żewġ pitturi, wieħed li juri lill-Assunta ma' San Ġwann l-Għammiedi, xogħol Giużeppi Briffa, u l-ieħor lil San Frangisk ta' Paola, fejn f'restawr li sar riċenti ħarġet l-arma ta' minn ikkommissjona din il-pittura. Żewġ kwadri oħra huma dak tal-Familja Mqaddsa mat-tfajjel San Ġwann il-Battista u dak ta' San Ġużepp bil-Bambin.  Wieħed isib ukoll statwa ta' San Ġwann l-Għammiedi.

Il-knisja għandha faċċata sempliċi b'żewġ pilastri li jwasslu saċ-ċinta. Għandha bieb kwadru bejn żewġ pilastri li jżommu pediment. In-naħa t'isfel hemm żewġ twieqi kwadri u oħra akbar eżatt fuq il-bieb bejn żewġ niċeċ vojta. Fuq iċ-ċinta hemm żewġ koppli żgħar u bejniethom hemm kampnar żgħir li fih qanpiena waħda.



Pittura ta' San Franġisk ta' Paola

Din il-knisja serviet biex fi żmien il-gwerra laqgħet żewġ familji refuġjati. Serviet ukoll sabiex inżamm l-armar tal-festa qabel ma għaddiet għand is-Soċjetá tal-MUSEUM. Fi żmien il-festa tal-Assunta minn hawn titlaq it-Traslazzjoni tar-Relikwa tal-Madonna għall-Knisja Parrokkjali. Din il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna.

L-artal ewlieni ġie restawrat 2025 mill-istudenti tal-Università ta' Malta li qed jattendu għal Diploma in Baroque Architecture tad-Dipartiment tal-Istorja tal-Arkitettua fil-Fakulta tal-Ambjent Mibni.

*Kitba: Louis Fenech*

*Informazzjoni miġbura minn diversi sorsi.*

*Ritratti:  N Gingell*

# Il-Kwadri Titulari tal-Knisja Ta' Sant'Anna / Santu Rokku, Ħ'Attard

Il-kwadru titulari li kellha din il-kappella llum jinsab fil-mużew parrokkjali għal raġunijiet ta' sigurta. Dan juri lil Madonna flimkien ma' Santu Rokku u San Nikola ta' Bari. Dan l-aħħar dan il-kwadru, li huwa ta' Sour Maria de Domenicis, allieva ta' Mattia Preti ġie magħżul sabiex ikun parti minn esibizzjoni ta' kwadri ta' din Sr De Domenicis, flimkien ma' żewġ pitturi oħra. Dr Matthias Ebejer, il-Kap tas-Sezzjoni tal-Kollezzjonijiet fi ħdan l-Arcidjocesi ta' Malta, u li kien responsabbli biex irranġa biex dan il-kwadru jiġi restawrat u muri f'din l-esibizzjoni, kellu dan x'jgħid:

"Tliet opri artistiċi minn Malta bħalissa jinsabu għall-wiri flimkien barra minn pajjiżna għall-ewwel darba fil-Gallerie d'Italia f'Napli, bħala parti mill-wirja internazzjonali Un altro seicento: L'arte delle donne nel Viceregno (In-nisa f'Napli Spanjola: seklu 17 alternattiv). L-Arċidjoċesi ta' Malta sellfet pittura mhux daqshekk magħrufa tal-artista Maltija Maria de Dominici mill-kollezzjoni tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija f'Ħ'Attard.

Il-pittura, li ġiet restawrata mir-restawraturi Maltin ReCoop bl-għajnuna tal-Gallerie d'Italia, turi lill-Verġni Marija ma' Santu Rokku u San Nikola ta' Bari, li jirrappreżentaw invokazzjoni popolari ta' qaddisin fi żminijiet ta' pesta. Dan il-kwadru tpoġġa ħdejn żewġ opri oħra ta' Mattia Preti li juru l-istess qaddisin tal-pesta. Dawn il-kwadri normalment jinsabu fil-Knisja ta' Sarria fil-Furjana. L-idea li dawn it-tliet opri jitpoġġew biswit xulxin kienet tal-Prof. Keith Sciberras sabiex joħroġ ix-xebh bejn Preti u de Dominici, li possibbilment kienet waħda mill-apprendisti tiegħu.





It-titular restawrat

Il-Prof. Sciberras qal li l-wirja "tħares lejn is-seklu 17 u 18 f'Napli u l-madwar mil-lenti tan-nisa artisti, xi rwol kellhom u kif kienu jaħdmu." Hu enfasizza li r-rwol ta' Maria de Dominici fl-istorja tal-arti Maltija huwa importanti ħafna għax titqies bħala l-ewwel mara artista li kienet taħdem fuq xogħlijiet b'mod indipendenti f'qasam dominat mill-irġiel.

"Fil-verità m'għandniex ħafna xogħlijiet ta' de Dominici. Għażilt li nagħtiha importanza għaliex il-bijografu tagħha Bernardo de Dominici, li kien neputiha, jitkellem ħafna fuqha u r-rwol li kellha jew seta' kellha fil-bottega ta' Mattia Preti." Fil-fatt il-kwadru minn Ħ'Attard intgħażel għax juri dan id-djalogu bejn Preti u de Dominici, hekk kif l-opri huma kollha marbuta mal-pesta li ħakmet Malta fl-1676.

Il-pittura sarilha xogħol intensiv ta' konservazzjoni biex tissaħħilha l-istruttura tagħha kif ukoll jerġgħu jinħarġu l-kuluri oriġinali tagħha. Matul ir-restawr, li fih intużat fotografija infrared, ħareġ li l-pittriċi nnifisha kienet għamlet xi tibdil fil-kompożizzjoni tax-xogħol.

Is-self tal-pitturi kien ikkordinat u mmonitorjat mid-Dipartiment tal-Kollezzjonijiet tal-Arċidjoċesi u Dr Matthias Ebejer minn dan id-Dipartiment, akkumpanja l-opri f'Napli. Hu spjega li self f'wirjiet ta' dan il-livell jgħinu biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn l-Arċidjoċesi u galleriji ta' arti rinomati, filwaqt li jagħmlu l-patrimonju artistiku tal-Knisja f'Malta aċċessibbli għal udjenza usa'.

Dr Ebejer żied jgħid li tara xogħol de Dominici maġenb ta' artisti bħal Artemisia Gentileschi u Lavinia Fontana hu "unur kbir għal Malta kif ukoll pass 'il quddiem biex din l-artista tingħata rikonoxximent akbar għax-xogħol tagħha".

Il-wirja ġiet kkurata minn Antonio Ernesto Denunzio, Giuseppe Porzio, Raffaella Morselli u Eve Straussman-Pflanzer. Tibqa' miftuħa sat-22 ta' Marzu 2026."

*Kitba: Dr Matthias Ebejer*

*Ritratti: Dr Matthias Ebejer kif ukoll ta RE-COOP li għamlu r- restawr.*